

Kitba ta'

Charles Galea Scannura

# Il-Parroċċa fi Żmien l-Isqof Astirias



L-Isqof Lorenzo Astirias

Wieħed mill-Isqfijiet li kellu rabta ma' Bormla kien Mons. Lorenzo Astirias li fi żmienu ngħata lill-parroċċa l-Kruċifiss ta' Kandja u f'Malta tfaċċat il-pesta li qerdet ħafna nies. Kien żmien l-iżvilupp tal-bini tas-swar tal-Kottonera. Hawn ser niffokaw fuq il-viżta pastorali li għamel l-Isqof fil-parroċċa meta kien kappillan, Dun Ġan Marì Barbara, fi żmien meta l-knisja kellha għamla oħra u l-Bormliżi kienu għadhom 'il bogħod mill-ħsieb li jibnu knisja ġdida kif narawha llum.

L-Isqof Lorenzo Astirias kien twieled f'Azared, Spanja, u kien sar kappillan konventwali ta' Kastellanja d'Emposta fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann. Kien sar Arċidjaknu tad-Djoċesi ta' Huesca. Fis-16 ta' Ġunju 1670 il-Papa Klement X għażlu biex ikun isqof ta' Malta. Kien ikkonsagrat isqof f'Ruma fis-6 ta' Lulju 1670 u wasal Malta fis-26 ta' Awwissu 1670 u dam imexxi d-djoċesi madwar sitt snin. Kien żmien meta l-Gran Mastru Cotoner kien qed imexxi l-gżejjer Maltin waqt li Giovanni Tempi kien Inkiżitur. Astirias miet fit-3 ta' Jannar 1677 u ġie midfun fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta.



Il-Papa Clement X

Il-Ħadd 25 ta' Ottubru 1671, l-Isqof Astirias għamel l-unika viżta pastorali tiegħu lill-parroċċa ta' Bormla. Kien telaq proċessjonalment taħt il-baldakkin mill-knisja ta' Santa Tereża sal-parroċċa. Folla kbira ta' nies kienet inġabret għall-okkażjoni. Fir-rapport tal-viżta hemm tagħrif dwar il-parroċċa. Jagħti ħjiel li jirrifletti żjarat li saru qabel u jorbtu ma' deskrizzjoni tal-knisja kif kienet wara li kien sar tibdil fil-bini oriġinali tagħha dwar l-1631/1632 kif isemmi l-Vigarju Ġenerali Pietru Franġisk Pontremoli, wara viżta li kien għamel fit-28 ta' Settembru 1634. Huwa rreġistrat bhal drabi oħra li l-parroċċa kienet dedikata lill-Immakulata Konċezzjoni *in vulgo* magħrufa bħala tas-Sokkors.

Il-knisja, forma ta' salib, kellha altar titulari fil-kor u altar maġġur. Fuq l-altar maġġur kien hemm tabernaklu ta' l-injam dekorat li kien fih żewġ pissidi tal-fidda. Iż-żejt tal-Griżma kien jinżamm f'fenestrella fil-kor in-naħa tal-lemin waqt li l-fonti tal-magħmudija kien jinsab ħdejn il-bieb tal-knisja. Marbuta mal-maġġur kien hemm il-Fratellanza tas-Sagrament li kienet twaqqfet qabel Bormla kienet saret parroċċa.




L-arma tal-Papa Clement X

## L-Altar Titulari

L-altar titulari kien tal-ġebel. Fuqu kien għad hemm l-ikona antika u devota maħduma fi stil Grieg li fil-ġnub kellha immaġni ta' San Pawl u San Pietru u fuq, f'parti eminenti l-Assunta mdawra bl-anġli. Kien titular magħmul minn għadd ta' kwadri, li jidher li ntilef fis-seklu dsatax. Il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni, li kienet kisbet liċenzja ġdida għat-twaqqif tagħha mingħand l-Isqof Balaguer fit-28 ta' Ġunju 1649, kienet marbuta ma' dan l-altar. Kienet ġiet aggregata ma' l-Arċikonfraternità ta' Ruma fid-19 ta' Settembru 1649. Interessanti nsibu rrapurtat li l-Kappillan Barbara stqarr li kienet ingħatat għalqa f'Marsascala sabiex bir-renti tagħha titħallas l-elemożina ta' għoxrin quddiesa.

## L-Altari tal-Lemin

Fuq in-naħa tal-lemin tal-maġġur kien hemm l-altar tal-Grazzja li kien ġie mwaqqaf minn Mru. Enriku Zerafa. Dan l-altar kellu kolonni ta' l-injam iżejnuh. Ħdejh kien hemm l-altar ta' Santu Spirtu li kellu bħala prokuratur tiegħu lil Dun Andrea Spiteri, imbagħad l-altari, kollha tal-ġebel, ta' San Leonard, tat-Trasfigurazzjoni, ta' San Mikiel u ta' San Mark qrib il-bieb tal-knisja. Ta' min jgħid li l-altar ta' San Mikiel kien twaqqaf minn Ġeronimo Russo u martu Ċlara b'att li sar għand in-nutar Marc'Antonio Chiappara fit-12 ta' April 1603. Kienu ħallew 1 onze (uqija) renta fuq djar f'Bormla f'inħawi li kienu magħrufin bħala ta' Ġinel Valdier. L-altar kellu kwadru li kien juri lil San Mikiel u San Ġilormu bil-Madonna fin-nofs. Għalhekk f'dan l-altar kienet tiġi ċelebrata ukoll il-festa ta' San Ġilormu. L-altar ta' San Mark twaqqaf wara, fil-Viżta ta' l-Isqof Cagliares li kienet saret fid-9 ta' Mejju 1621. Jingħad li kien altar ġdid imwaqqaf minn Mikiel Paċi minn Bormla u li kellu kwadru ġdid ta' San Mark. Mikiel Paċi u martu Katerina kienu ħallew renta ta' 4 skudi fis-sena f'att li sar għand in-nutar Mariano Calleya fil-5 ta' April 1618 u li l-Vigarju Ġenerali kien ħareġ id-digriet biex jitwaqqaf dan l-altar bl-obbligu li fuqu jiġu ċelebrati l-festi tal-qaddis.

## L-Altari tax-Xellug

Fuq ix-xellug tal-knisja mill-bieb 'il ġewwa, fir-rapport ta' Astirias ta' l-1671 jissemmew altari oħra. L-ewwel ta' San Dimitri li miegħu kienet marbuta l-Fratellanza ta' San Dimitri li kienet ġiet approvata mis-Sede Appostolika fit-22 ta' Settembru 1625. Fil-viżta, barra li ngħatat attenzjoni lil xi affarijiet tal-parroċċa, sar bħal inventarju ta' dan l-altar. Hemm indikat li kellu kwadru ta' San Dimitri bil-kolonni kulur torkin u ndurati u barra l-iskannell kellu niċċa bil-grada għar-relikwa. L-altar kellu tnax-il kandlier ta' l-injam arġentati u sitta ndurati, lampier tal-fidda, ventaltar u altarett. Imwaħħal mal-ħajt kien hemm kwadru antik bl-immaġni wkoll ta' San Dimitri. Kien hemm ilbies tal-fratellanza, standard, u pont tal-qlafat li kien jinkera bit-3 tarì kuljum. Kien hemm ukoll kopji ta' atti rigward flus bullali bħal ta' l-14 ta' Mejju

1651 tan-nutar Tumas de Candia, tal-15 ta' April 1663 ta' Certio de Avolio u tas-26 ta' Frar 1668 ta' Natal Parmisciano.

L-altar ta' San Ġwann Battista kien ġie mwaqqaf minn Ġan Mariano Haxac fis-17 ta' Diċembru 1660. Bħall-altari l-oħra kien tal-ġebel u kellu tarġa, suppedal, skannell tal-ġebel skolpit u ikona fuq it-tila li kienet turi lill-Madonna bil-Bambin, San Ġwann Battista għarkubbtejh fuq ix-xellug u l-erwieħ tal-Purgatorju fil-parti inferjuri fuq il-lemin. Fuq dan l-altar kienet bdiet tiġi ċelebrata quddiesa kuljum, sebgħa fil-festi tal-Madonna u oħra fit-tifkira tal-martirju ta' San Ġwann Battista.Att li jirrigwarda dan l-altar sar għand in-nutar Michaele Attard fis-27 ta' Awwissu 1664. Jissemmew ukoll l-altar ta' San Kristofru, l-altar ta' Santa Katerina li miegħu kien hemm marbuta l-Fratellanza tal-Mewt u l-altar tar-Rużarju li miegħu hemm marbuta l-Fratellanza tar-Rużarju. In-naħa ta' l-altar ta' Santa Katerina kien hemm ukoll is-Sagristija.

## Il-Kappella ta' San Rokku

Qrib id-dħul tal-knisja fix-xellug kien għad hemm kappella li kienet dedikata lil San Rokku, iżda fil-1671 hu rrapurtat li fuq l-altar ta' dil-kappella kien tqiegħed Kruċifiss miġjub minn Kandja li dwaru kien hemm kwistjoni bejn il-prokuraturi tal-parroċċa u l-patrijiet dumnikani tal-Kunvent tal-Portu Salvu tal-belt Valletta quddiem is-Sagra Rota Rumana. Ma' dan l-altar kienet intrabtet il-Fratellanza ta' l-Agonizzanti, tal-Kruċifiss, li kienet bdiet tiċċelebra l-quddies hemm nhar ta' Ġimgħa u l-festa tas-Salib f'Mejju.

Fuq il-lemin ta' l-altar li issa kien sar tal-Kruċifiss, kien sar altar ieħor dedikat lil San Rokku bit-tarġa u l-iskannell u b'ikona fuq it-tila turi l-Madonna bil-Bambin f'idejha fin-nofs, b'San Rokku fuq il-lemin u San Gejtanu fuq ix-xellug. Oriġinarjament l-altar ta' San Rokku kien twaqqaf fi żmien il-pesta ta' l-1592 bl-obbligu li l-poplu jiċċelebra l-festa tal-qaddis fis-16 ta' Awissu. Marbuta miegħu kien hemm Kongregazzjoni Sekolari li kienet tagħmel l-eżerċizzi spiritwali.

Ta' min jinnota li din hi l-ewwel viżta li fiha jissemma' l-Kruċifiss ta' Kandja u t-tqegħid tiegħu fil-kappella ta' San Rokku. Minn riċerka riċenti pubblikata minn S.Debono, ħareġ li l-Kruċifiss kien ġabu Bartolomeo Cristiano, kaptan ta' tartana, u li dan il-Kruċifiss antik kien jinsab fi knisja dedikata lil San Pietru f'Kandja. Dal-kaptan kellu l-ħsieb li jagħtih lill-Fratellanza tal-Karità tal-Birgu li tagħha kien membru. Meta wasal Malta kellu jibqa' kwarantina u f'dan iż-żmien 'baħri' li jidher li kien miegħu għaddieh f'idejn il-prokuratur tal-Fratellanza ta' Bormla.

Il-Kruċifiss kien oriġinarjament proprjetà tad-Dumnikani u għalhekk kienet inqalgħet il-kawża quddiem is-Sagra Rota u li dwarha ktibt drabi oħra. Fis-6 ta' Novembru 1669 Dun Żeferino Cap, il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Kruċifiss kien talab lill-Vigarju Ġenerali biex l-Kruċifiss li kien għadu kif tah il-baħri Ġan Angelo Balzan, ipoġġih fil-knisja ta' Bormla għal venerazzjoni. Fit-talba tiegħu dal-prokuratur kien stqarr li kien ilu mill-bidu tal-Fratellanza (1643) prokuratur tagħha u li kienet għadha bla altar jew kappella għaliha u li lanqas ma kienet għadha ġiet aggregata ma' l-Arċikonfraternità ta' Ruma biex tikseb l-indulġenzi. Il-Kappillan Barbara u l-prokuraturi tal-parroċċa kienu approvaw it-talba tiegħu, u l-Kappillan issuġġerixxa li l-Kruċifiss jitqiegħed fuq l-altar tal-kappella ta' San Rokku u li seta' jsir altar ieħor għal San Rokku. Dan ġie approvat fid-29 ta' April 1670.

Ta' min jgħid li dal-Kruċifiss malajr ġibed devozzjoni u bdew isiru bosta pellegrinaġġi u jitwaħħlu *ex votos* tal-fidda fil-kappella. Fil-proċessjoni tal-Pentekoste tal-1674 ha sehem bħala ċelebrant is-segretarju ta' l-Inkiżitur Ranuccio Pallavicino. Waqt li l-proċessjoni kienet għaddejja matul ix-xatt, ġew sparati tiri ta' salut mix-xwieni u bi żball frejgata sparat

'moschettone di palla' u l-balla għaddiet quddiem il-baldakkin, qasmet torċa li kien qed iżomm qassis quddiem is-Sagrament u waħlet mal-ħajt bla ma laqtet lil ħadd! L-Inkiżitur kien innota li din għaddewha b'miraklu mill-Kruċifiss li kien għadu kif inġieb minn Kandja u li kien tħalla fil-parroċċa.

## Quddies u Kleru

Lura għar-rapport tal-viżta, jispikkaw tliet punti: tagħrif dwar proprjetà tal-parroċċa, l-għadd tal-kleru u l-kwantità ta' quddies. Rigward oġġetti tal-parroċċa, fost l-oħrajn jissemmew salib tal-kleru, ħames lampieri, ċensier u navetta, tmien kalċijiet, erba' kuruni fuq il-wadru ta' l-altar tal-Kunċizzjoni, u żewġ kuruni fuq l-altar tar-Rużarju, kollha tal-fidda. Il-lista tinkludi wkoll disa' kapep, waħda bajda bl-immaġni tal-Madonna, tliet bnadar tal-kleru tal-bellus u rrakkmati bl-immaġni tal-Kunċizzjoni, żewġ standardi, wieħed tas-Sagrament, disgħa u għoxrin pjaneta uħud bit-tuniċella, tal-lama u damask, żewġ baldakkini, sitta u għoxrin ventaltar, tmien qniepen żgħar, u tliet qniepen - waħda kbira u tnejn żgħar - fil-kampnar, indikazzjoni li l-knisja ta' dak Iż-żmien kienet b'kampnar wieħed.

L-għadd tal-kleru li kien hemm marbut mal-parroċċa kien konsiderevoli. Jissemmew Dun Tumas Cercop li kien minn Ħal Tarxien u kien jgħix f'Bormla, Dun Romeo Bonavia, Dun Mikiel Spiteri li kellu għalqa f'Tal-Brolli, Dun Vinċenz Muscat li kellu għalqa msejħa tal-Ħbula f'Bormla, Dun Gulielmu Chetcuti, Dun Ġakbu Michallef, Dun Pietru Pawl Borg, Dun Andrea Spiteri li kellu għalqa msejħa Ta Huara il Gebia fl-inħawi ta' Santa Liena, Dun Mattew Caruana li kellu għalqa fl-inħawi ta' San Pawl imsejħa ta' Bentichi, Dun Ġużepp Rosso u Dun Karlu Ros. Barra dawn kien hemm ukoll Dun Ġużepp V. Tabone li kien sagristan, Dun Ġużepp Mifsud li kellu xi artijiet fin-naħat ta' San Mattew tal-Maqluba u l-kjeriċi Franġisk Mifsud, Antonio Rossi u Mario Bonnici.

Fir-rapport tal-viżta hemm imniżżel li l-Isqof kien żar ukoll il-knisja ta' San Pawl u dik ta' Santa Margerita. Din ta' l-aħħar kellha lill-Mru. Joannes Zammit bħala prokuratur. Rigward l-ewwel waħda kien innutat li kellha altar tal-ġebel u żewġ bibien u l-prokuratur tagħha kien Mru. Mariano Cauchi. B'digriet ta' l-Isqof tat-3 ta' Settembru 1670, il-legati tal-quddies kienu ġew imnaqqsa. Dan jirrifletti l-fatt li l-parroċċa, minkejja l-għadd ta' qassisin li kien hemm, kellha wisq obbligi ta' quddies. Dan joħroġ minn rikjesta li fl-4 ta' Jannar 1672 għamel Dun Żeferino Cap bħala esekutur tat-testment ta' Grazia Calleia li kienet ħalliet flus għal mitejn quddiesa fil-knisja ta' Bormla. Minħabba li l-knisja kellha wisq obbligi u numru kbir ta' quddies għall-mejtin, ix-xewqa ta' Calleia ma setgħetx titwettaq fi żmien sena kif kienet xtaqet. Cap talab estensjoni ta' sitt xhur biex ikun jista' jwettaq ix-xewqa tagħha, u dan ġie konċess fit-2 ta' Jannar 1673. Jirrifletti dan ukoll il-fatt li fil-11 ta' Jannar 1673, Dun Gio Maria Cassar li kien minn Ħal Kirkop, tħalla jmur joqgħod f'Bormla fejn seta' jikseb stipendju tal-quddies u fejn kellu jgħallem il-qari, kitba u grammatika.

Il-viżta ta' l-Isqof Astirias tkompli titfa' dawl fuq il-ġrajja tal-parroċċa f'nofs is-seklu sbatax. Tindika knisja organiżżata bi kleru numeruż u b'attivitajiet ta' fratellanzi, żvilupp ta' devozzjoni lejn il-Kruċifiss u tkattir ta' devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni.

**Riferenzi**

AAM, Visitatio Pastoralis Astirias, 1671-1674
Alexander Bonnici, Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta, Vol.II, 1992
Arthur Bonnici, History of the Church in Malta, Vol.II, 1968
Sandro Debono, Imago Dei, 2005
C. Galea Scannura, Aspects of Social Life in Malta 1672-1676, 1978